**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**George Cortis u martu Pawla sive Pauline Cortis (ID No 835955M u 317357M rispettivament)**

**vs**

**Charlie Micallef u martu Josephine Micallef (ID No. 0158786M u 0242470M)**

**Rikors Numru: 66/2017**

Illum 22 ta' Ġunju 2022

**Il-Bord,**

Ra r-Rikors[1] tar-**rikorrenti** ppreżentat fil-15 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:

[1] Fol. 1 sa 3

1. Illi in forza ta' ftehim datat 30 ta' Marzu 2015 ir-rikorrenti kkonċedew titolu ta′ lokazzjoni kummerċjali lill-konvenuti l-fond ossia ħanut bl-isem "Kina" gia "Da Gigi Pizzeria" gia "Mtarfa Snack Bar" mingħajr numru uffiċjali, formanti parti minn block bla numru magħruf bħala Block ittra E, liema fond huwa aċċessibbli minn passaġġ bla isem li jisbokka fi Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet ai termini tal-istess skrittura (vide vera kopja tal-ftehim anness u mmarkat bħala Dok A);

2. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond ossia ħanut mertu tal-lokazzjoni datata 30 ta′ Marzu, 2015;

3. Illi Il-kera gravanti l-istess fond kellha titħallas kull xahar, bir-rata ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem kull l-ewwel jum tax-xahar;

4. Illi l-aħħar skadenza ta' kera imhallsa mill-intimati hija fl-1 ta' Frar, 2016 li tkopri ta' Awwissu, 2016 u b'hekk l-intimati huma morużi fil-ħlas tal-kera tal-1 ta' Settembru, 2016 li għadhom morużi sallum liema kirja dovuta tammontaw għal total ta' erbat elef u tmin mitt Euro (€4,800);

5. Illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' lokazzjoni fosthom paragrafu 9 meta naqsu milli jhallsu l-kontijiet tal-ARMS It, tal-Go pl u anki B1 sa Dok B4);

6. Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex iħallsu dak dovut u jottemporaw ruħhom mall-iskrittura ta' kera izda sallum huma għadhom inadempjenti (vide kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala Dok C);

7. Illi r-raġuni mogħtija għat-tardivita u / jew non-pagament tal-kera dejjem kienet tikkonsisti fi problemi finanzjarji da parti tal-konvenuti, u għaldaqstant ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu;

8. Illi għalhekk u peress illi l-konvenuti huma morużi fil-ħlas tal-kera kif ukoll kisru l-kundizzjonijiet tal-ftehim meta ma ħallsux il-kontijiet relattivi għall-fond lilhom mikri, allura l-lokazzjoni għandha tiġi terminata u s-sidien ikollhom id-dritt li jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni;

9. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi jafu personalment bil-fatti kollha dikjarati, u li għalhekk kellha sir din il-kawża;

10. Illi sa fen jafu r-rikorrenti, il-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet u difiża x' jagħtu kontra din it-talba u għaldaqstant il-Bord ged jiġi mitlub sabiex jgħaddi biex jiddeċiedi l-każ bid-dispensa tas-smiegġ skont kif maħsub fl-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan il-Bord sabiex prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta neċessarja:

1. Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex jivvakaw il-fond lilhom mikri u cioe' il-fond ossia ħanut bl-isem "Kina" gia "Da Gigi Pizzeria'" gia "Mtarfa Snack Bar" mingħajr numru uffiċjali, formanti parti minn block bla numru magħruf bħala Block ittra E, liema fond huwa aċċessibbli minn passaġġ bla isem li jisbokka fi Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa fi żmien qasir u perentorju stante morożita' fil-ħlas ta' kera u kontijiet relattivi għas-servizzi tal-fond;

3. Tordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar għal kull xahar ta' kera li ma tħallasx li laħaq iddekorra sa minn 1-1 ta' Settembru, 2016 sat-terminazzjoni ta' l-imsemmija kirja, in toto jew pro rata;

4. Tordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €3,506.02 rappreżentanti kontijiet tal-ARMS ltd imħallsa mir-rikorrenti; €733.74 liċenzji tan-negozju mħallsa mir-rikorrenti lill-Malta Tourism Authority u €737.23 rappreżentanti kont tal-Go plc flimkien ma' dawk il-kontijiet relattivi

għas-servizzi tal-ħanut li kellhom jithallsu mill-intimati skont l-iskrittura ta' kera, u dan kif kkalkulti sad-data tat-terminazzjoni tal-kirja sakemm l-fond jitbattal.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-liġi.

Ra r-Risposta[2] tal-**intimati Micallef** prezentata fit-18 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha eccepew li:

Illi qabel xejn l-eccipjenti jaqblu li hemm bilanċi tal-ispejjeż tas-servizzi li huma dovuti minnhom, imma mhux fl-ammont pretiz mir-rikorrenti, stante li kien sar ħlas akkont tal-istess speijeż;

Illi l-pretensjoni dwar il-ħlas tal-kera hija nfondata stante illi l-eċċipjenti kienu nformaw lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħhom li jieqfu joperaw mill-imsemmi ħanut dana fit-termini tal-istess kuntratt, u minkeija diversi tentattivi sabiex issir is-sullukazzjoni w jew ċ-ċessjoni tal-istess kera lill-terzi skont il-kuntratt tal-kera li kellha twassal sabiex l-eċċipjenti jivvakaw mill-fond inkwistjoni, ir-rikorrenti fixklu mingħajr raġuni valida fil-liġi lill-istess eċċipjenti milli jivvakaw mill-imsemmi fond skont l-arranġamenti li kienu saru bejniethom, u dana kif ser jkun pruvat dettaljatament fil-mori w waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riżerva għad-drittijiet tal-eċċipjenti in konnessjoni mad-danni minnhom sofferti minħabba tortijiet imputabbli lir-rikorrenti.

Ra d-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Sema' lix-xhieda mressqa minnhom.

Ra li l-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi.

---

[2] Fol. 27

**Ikkunsidra li:**

Din bdiet bħala kawża ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 fejn permezz tagħha r-rikorrenti pproċedew għall-izgumbrament tal-intimati mill-fond kummerċjali ossia l-ħanut 'Kina' gia 'Da Gigi Pizzeria' ga 'Mtarfa Snack Bar', mingħajr numru uffiċjali, fi Blokk E, Triq ir-Regimenti Maltin, Mtarfa. Ir-rikorrenti kienu krew dan il-fond lill-intimati b'kuntratt ta' kiri datat 30 ta' Marzu 2015[3]. Ir-rikorrenti jallegaw li l-intimati ilhom morużi fil-hlas tal-kera mill-1 ta' Settembru 2016[4], u li naqsu wkoll li jħallsu l-kontijiet tas-servizzi fil-fond. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Frar 2017, li r-rikorrenti jgħidu li bagħtu bil-posta reġistrata lill-intimati, huma avżawhom b'din il-morożita', u tterminawlhom il-kirja[5], pero' l-intimati naqsu li jivvakaw mill-fond mikri, u li jħallsu dak dovut minnhom skond l-istess kuntratt.

Min-naha taghhom[6], filwaqt li jaċċettaw li hemm hlasijiet li għadhom dovuti minnhom lir-rikorrenti b'konsegwenza ta' din il-kirja, l-intimati jikkontendu li kienu huma li għarrfu l-ewwel lir-rikorrenti bid-deċiżjoni tagħhom li jieqfu joperaw dan il-ħanut, pero' r-rikorrenti fixkluhom mingħajr raġuni valida fil-liġi milli jikkonkludu sullokazzjoni jew ċessjoni tal-ħanut, skond il-jedd mogħti lilhom bil-kuntratt tal-kiri, u minhabba f'hekk spiċċaw ma vvakawx minnu. Fl-aħħar stadji tal-kawza, l-intimati kkontendew ukoll li baqgħu jżommu ċ-ċavetta tal-ħanut wara li tterminaw il-kirja bl-aħħar ħlas tal-kera bi ftehim mar-rikorrenti.

Fil-mori tal-kawża, u cioe fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017[7], l-intimati rritornaw iċ-ċwievet ta' dan il-fond lir-rikorrenti, li aċċettawhom, filwaqt li l-partijiet qablu li b'hekk gew eżawriti l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, u

---

[3] Dok. A, fol. 4 sa 7

[4] Din id-data hija erronea billi, skond il-kuntratt ta' kiri, l-iskadenzi jidhru li kienu l-1 ta' Gunju u l-1 ta' Dicembru ta' kull sena

[5] Dok. C, fol. 14

[6] Ara Risposta, fol. 27

[7] Fol. 26

li dan il-Bord jaghti dritt lill-intimati biex jikkontestaw it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti fl-att promotur. Dawn it-talbiet huma diretti biex ir-rikorrenti jirċievu mingħand l-intimati l-arretrati tal-kera mill-1 ta' Settembru 2016 sad-data tat-tmiem tal-kirja, u biex l-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-bilanċ tal-prezz tas-servizzi kkunsmati minnhom sakemm dan il-fond kien għadu detenut minnhom, in parti b'rimbors ta' spejjeż diġa mħallsa mir-rikorrenti u l-bqija bi ħlas ta' dak li jirriġulta li sar dovut sad-data meta l-intimati rritornaw iċ-ċwievet tal-fond battal.

Fix-xiehda tieghu[8], ir-rikorrent George Cortis iddikjara li l-intimati ma baqgħux iħallsu l-kera, u lanqas il-kontijiet tas-servizzi, u minħabba f'hekk qatgħulhom id-dawl mhux f'dan il-fond biss imma fil-fondi kollha fejn is-servizz kien reġistrat f'isem ir-rikorrent. Bejn li waqfu jħallsu, u li r-rikorrenti ħadu lura ċ-ċwievet tal-fond mikri, laħqu għaddew ħmistax-il xahar, u l-kera dovuta kienet ta' €600 kull xahar. Biex tawhom lura d-dawl, ir-rikorrenti kellhom iħallsu pagamenti, u mbaghad komplew iħallsu l-kontijiet huma. L-aħħar kont tad-dawl kien jammonta għal €793.16. Jghid li kellhom ukoll servizz tat-telefonija li ma tħallasx, u nqata', pero' r-rikorrenti kellhom iħallsu s-somma ta' €687. Ir-rikorrenti ħallsu wkoll il-miżata tal-liċenzja, u kien fadal jitħallsu l-miżati ta' snin ohra. Din il-miżata tammonta għal €366 fis-sena. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll diversi ritratti[9] li juru l-istat li fih thalla l-ħanut, tant li l-awtoritajiet sanitarji kienu waqqfuh milli jkompli jintuża. Huwa qal ukoll li l-intimati dejjem irrifjutaw li jsir l-inventarju, u li fil-ħanut kien hemm l-armar kollu meħtieġ.

B'kollox, ir-rikorrent wera li ħallas is-somma komplessiva ta' €2180[10] lil ARMS Ltd, oltre l-aħħar kont li kien jammonta ghal €793.16[11]. Ir-rikorrenti jgħidu li kellhom ihallsu wkoll €733.74[12] lill-Awtorita' tat-Turizmu ghal-

---

[8] Ara xiehda, 1.3.2018, fol. 30 sa
[9] Fol. 51 sa 82
[10] Fol. 8 sa 9
[11] Fol. 44 sa 45, mix-xiehda tar-rapprezentant tal-ARMS Ltd, pero', jidher li filfatt ir-rikorrenti hallsu €2940, ara fol. 137.
[12] Fol. 12, ara wkoll xiehda ta' Dr Michael Camilleri, 26.4.2018, fol. 86 sa 87 u fol. 88 sa 91

liċenzja kummerċjali, u €737.23[13] lil Go plc, li minnhom jidhru li ħallsu €687.23[14].

In kontroeżami[15], ir-rikorrent aċċetta li l-intimat kien żied forn fil-ħanut, u li kien ressaq kerrejja potenzjali għal wara li tintemm il-kirja tiegħu. Ir-rikorrent ċaħad li kien qed ifittex li jirċievi rigal mingħand l-inkwilini prospettivi, u nsista li l-flus li talab kienu l-pendenzi tad-dawl li kienu ħallewlu l-intimati. Ir-rikorrent insista li l-intimat kien wiegħdu li kien ser iħallsu kollox. Huwa ċċara li, dak iż-żmien, il-ħanut kien magħluq b'ordni tal-awtoritajiet sanitarji, u l-intimat hekk kien qed jipprova jdaħħal lil ħaddiehor minfloku fil-kirja tiegħu.

L-intimat Charles Micallef[16], min-naħa tiegħu, imressaq b'xhud mir-rikorrenti, ikkonferma li kien kera dan il-ħanut mingħand ir-rikorrenti skont il-kuntratt tal-kiri ppreżentat f'dawn l-atti. Huwa ddikjara li kien għarraf lir-rikorrenti li kien ser iwaqqaf il-kirja, u tahom sitt xhur avviż tat-terminazzjoni skond il-kuntratt. Qal li hallas partijiet mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma, pero' jagħraf li kien fadallu jħallas bilanċ minnhom. Huwa qal li kien offra lir-rikorrent biex dawn iduru f'ismu, pero' r-rikorrent ma riedx. Huwa aċċetta li l-liċenzja kummerċjali ma ħallashiex, skontu għax ir-rikorrent qatt ma qallu biex iħallasha. L-intimat ma ftakarx meta ħallas l-aħħar kera, għalkemm insista li dakinhar li ħallas l-aħħar tah avviż tat-terminazzjoni.

Sussegwentement[17], l-intimat kompla jgħid li kien sab erba' persuni differenti li kienu lesti jieħdu l-kirja minfloku, pero' r-rikorrent ippretenda ħlas ta' €10,000 depożitu biex ikopri l-ħlasijiet tad-dawl u l-ilma, u minħabba f'hekk it-terzi ma baqgħux interessati. Qal li kien qed ifittex dan l-arranġament għaliex kien ħareġ €10,000 għall-għodda ġdida minn butu.

[13] Fol. 13
[14] Fo. 46, ara konferma fix-xiehda ta' Anthony Bonnici, 28.6.2018, fol. 95 sa 97
[15] Ara xiehda, 4.10.2021, fol. 186 sa 195
[16] Ara xiehda, 17.10.2018, fol. 141 sa 145
[17] Ara xiehda, 27.1.2019, fol. 151 sa 173

Huwa insista li l-kera ħallasha sakemm avża lir-rikorrenti dwar it-terminazzjoni, filwaqt li ma ftakarx jekk kienx fadallu jħallas bilanċ għad-dawl u l-ilma, u kemm seta' kien dak il-bilanc. Huwa qal li żamm iċ-ċavetta tal-ħanut sakemm żarma, għaliex fil-frattemp kien ftiehem mar-rikorrenti biex jippruvaw jaslu għal sullokazzjoni jew ċessjoni tal-kirja. Dak il-ftehim kien sar sitt xhur qabel Jannar 2016, u kera ħallas sa Jannar 2016.[18]

Min-naha tagħha, l-intimata Josephine Micallef[19] spjegat kif, ftit wara li saret il-kirja, l-intimati kienu ddejqu fl-operazzjoni tal-ħanut u avżaw lis-sid, filwaqt li ħallsu l-kera ta' sitt xhur bil-quddiem, skond il-kuntratt. Qalet li nefqu sittin elf Ewro (€60,000) f'għodda ġodda fil-post, ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000) minnhom għal forn li użawh tlett xhur biss, u li tagħhom qalet li kellha r-riċevuti tagħhom id-dar, li pero' qatt ma ġew eżibiti fl-atti. Ikkonfermat li kienu sabu terzi interessati li jieħdu l-kirja tal-fond, pero' skond hi r-rikorrent kien qed ikun diffiċli għaliex talabhom għaxart elef Ewro (€10,000) depożitu għad-dawl, u garanzija fuq proprjeta', li t-terz ma kienx lest jagħti. Il-ħsieb tagħhom kien li huma riedu jiġbru li nefqu fl-għodda, u li ma kienx interessat fiha r-rikorrent.

**Ikkunsidra wkoll li:**

M'hemmx kwistjoni li kien biss fil-mori tal-kawża, u bi ftehim bejn il-partijiet, li r-rikorrenti ottjenew il-pussess vakanti tal-ħanut tagħhom fl-Imtarfa, mertu tal-kawża. Jirrizulta li l-intimati ħallew dan il-fond kummercjali fi stat ħażin, u m'hemmx kwistjoni li kien anke ingħalaq mill-awtoritajiet sanitarji proprju minħabba f'hekk.

Fir-rigward tat-tielet u r-raba' talbiet li jonqoshom jiġu deċiżi, dan il-Bord irid jiddetermina jekk:

[18] Ara f'dan is-sens ittra legali datata 1 ta' Ottubru 2016, fol. 174

[19] Ara xiehda, 27.1.2019, fol. 164 sa 173

(i) tirrizultax pruvata l-pretensjoni tal-intimati li hallsu l-kera sħiħ dovut, u li l-kirja kienet terminata b'effett minn Frar 2016, għalkemm żammew iċ-ċavetta sat-30 ta' Novembru 2017 bi qbil mar-rikorrent bit-tama li jsibu inkwilin ġdid minflokhom;

(ii) l-intimati fadlilhomx hlasijiet ta' kera, jew xort'ohra, x'jaghmlu lir-rikorrenti, u f'kaz affermattiv, l-ammont shih li jirrizulta hekk dovut.

Il-Bord jidhirlu li għandu jiddikjara ċar li l-fatti pruvati ma jagħtux sostenn lill-allegazzjonijiet tal-intimati dwar li kien hemm ftehim mar-rikorrenti li l-kirja tiġi terminata b'effett minn Frar 2016, jew li jibqgħu jżommu ċ-ċavetta għal kemm żmien iridu sakemm jidħol inkwilin ġdid minflokhom bi ftehim mas-sid. Fuq lat prattiku, lanqas biss jirriżulta li l-kirja ġiet terminata b'effett minn Frar 2016. L-intimati ma ppreżentawx riċevuti tal-kera li jikkuntrarjaw id-dikjarazzjoni ċara tar-rikorrenti li rċevew l-aħħar ħlas tal-kera għall-iskadenza ta' sitt xhur li jgħidu li għalqet fl-1 ta' Frar 2016, u li kellha tkopri ż-żmien tal-kiri sal-aħħar ta' Lulju 2016. Min-naħa tagħhom, l-intimati jistriehu fuq l-ittra legali tal-avukat tagħhom datata 1 ta' Ottubru 2016, fejn jingħad li kienu diġa avżaw lir-rikorrenti li ma ridux ikomplu fil-kirja. Din l-ittra pero' hija ittra ta' kontestazzjoni, u minn imkien ma jirriżulta li kien hemm xi ftehim li l-intimati jibqgħu jżommu ċ-ċavetta u l-post sakemm jitwilla jew issir kirja gdida b'ċessjoni lil ħaddieħor. Aktar minn hekk, l-intimati ma ressqu ebda prova ta' x'wieġbu għall-ittra reġistrata li rċevew mingħand ir-rikorrenti datata 25 ta' Frar 2017, u li ma jiċħdux li rċevew, li kienet tgħid ċar li kienu morużi u li minħabba f'hekk, il-kirja tagħhom kienet qed tiġi terminata. Fuq lat legali, imbagħad, din il-pretensjoni lanqas ma tagħmel sens, għaliex wara t-tmiem tal-kirja ma jista' jkun hemm l-ebda sullokazzjoni, jew ċessjoni ta' dritt, fuq inkwilinat li kien imma m'għadux jeżisti.

Meta jqis dan kollu, il-Bord jasal għall-konklużjoni li, aktar iva milli le, l-intimati baqgħu jżommu ċ-ċwievet tal-ħanut, mhux bi ftehim mar-rikorrenti, imma aktar biex jagħmlu pressjoni fuqhom ħalli dawn jaslu f'arranġament ma' inkwilin prospettiv indikat mill-istess intimati, u li mingħandu l-intimati setgħu jirċievu l-ħlas li kienu qed jippretendu b'rimbors għall-ispejjeż li jgħidu li għamlu fil-post, liema spejjeż f'dawn il-proċeduri lanqas ma ġew ippruvati li saru ħlief għal xiri ta' forn.

Konsegwentement, dan il-Bord qiegħed jirrespinġi l-argumenti tal-intimati fir-rigward tad-data tat-terminazzjoni tal-kirja, u jqis li l-kirja baqgħet għaddejja sakemm kienet terminata bl-ittra tar-rikorrenti datata 25 ta' Frar 2017. Skont il-kuntratt ta' kiri, dan ifisser li laħqu għalqu l-iskadenzi tal-1 ta' Gunju 2016 u l-1 ta' Dicemrbu 2016, għas-somma komplessiva ta' €7200 (sebat elef u mitejn Ewro).

Kwantu għall-arretrati u l-bilanċi dovuti mill-intimati għas-servizzi, ir-rikorrenti rnexxielhom juru li ħallsu s-somom ta' (i) €2180 arretrati lil ARMS Limited, flimkien mal-aħħar kont li kien jammonta ghal €793.16, b'kollox €2973.16; (ii) €733.74 lill-Awtorita' tat-Turiżmu għal-liċenza kummerċjali tal-ħanut tul il-kirja; u (iii) €687.23 lil Go plc għas-servizz ta' telefonija. L-intimati ma wrewx li rrimborsaw lir-rikorrenti b'xi parti minn dawn il-ħlasijiet, u lanqas ma wrew li dawn l-ammonti ma kinux dovuti. B'kollox, għalhekk, l-intimati jonqoshom jirrimborsaw lir-rikorrenti bis-somma ta' €4394.13 (erbat elef tlett mija u erbgħa u disgħin Ewro u tlettax-il ċenteżmu).

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel żewġt talbiet:

(i) jilqa' t-tielet talba u jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7200) arretrati tal-kera tal-ħanut "Kina" gia "Da Gigi Pizzeria" gia "Mtarfa Snack Bar" mingħajr numru uffiċjali, formanti parti minn block bla numru magħruf bħala Block ittra E, aċċessibbli minn passaġġ bla isem li jisbokka fi Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa, bl-imgħax legali mis-17 ta' Frar 2017 sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv, u dan tenut kont li l-obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali;

(ii) jilqa' limitatament ir-raba' talba u jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erbat elef tlett mija u erbgħa u disgħin Ewro u tlettax-il ċentezmu (€4394.13) arretrati tas-servizzi u liċenzji dwar l-istess fond, bl-imgħax legali mid-data tal-lum sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez tal-kawża jithallsu mill-intimati.

**Dr Josette Demicoli**

**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Reġistratur**